**JUNIOR LYCEUMS ANNUAL EXAMINATIONS 2002**
Educational Assessment Unit - Education Division

| FORM 5 | STUDJI SOĊJALI (OPTION) | ĦIN: 1hr 45mins |
|---|---|---|

Isem: ______________________________ Klassi: __________________

**Taqsima A** **(25 marka)**

**Aqra din is-silta u wieġeb ħamsa mill-mistoqsijiet:**

Il-familja, mibnija fuq iż-żwieġ u mniżżla fl-istess kostituzzjoni, hija realta' li ma tistax tissostitwiha. Il-familja toffri lis-soċjeta' servizz uniku u servizz bla ħlas. Kollox b'imħabba. Il-kura tar-raġel, ta' l-ulied, ta' l-anzjani, tal-morda mentali, tal-ħandikappati… il-piż kollu ta' dawn jaqa' fuq il-familja. Il-familja tilqa' lill-membri l-aktar dgħajfa u tagħti servizz b'imħabba. Li kieku dan is-servizz kellu jsir mill-Istat, kien ikollu jonfoq somom enormi. Il-familja twettaq funzjoni li l-Istat waħdu ma jistax iwettaq. Il-familja ġġib fid-dinja l-ulied u tedukahom. Il-familja tiffranka lill-Istat spejjeż kbar. U dan tagħmlu billi toffri servizz kontinwu u servizz b'xejn.

(P. Giordano Muraro O.P.)

1. Kif tiddeskrivi x'inhi familja? Agħti tliet raġunijiet għaliex inqisu l-familja bħala l-influwenza l-aktar importanti f'ħajjitna.
2. Semmi ħames funzjonijiet tal-familja.
3. Il-familja tal-lum hi kemm nukleari u f'xi każ simetrika. X'tifhem b'dan?
4. Jidher li r-rwoli tar-raġel u tal-mara fil-familja bdew jinbidlu. Kif?
5. Fl-1993 il-Parlament Malti għadda liġi tal-familja. X'jisimha? Semmi tliet prinċipji li fuqhom hi msejsa.
6. X'inhi l-Kummissjoni Nazzjonali għall-Familja? Semmi tliet dmirijet li għandha.
7. X'tifhem b'politika tal-familja? Semmi żewġ elementi minn din il-politika.

**Taqsima B** **(25 marka)**

**Aqra din is-silta u wieġeb ħames mistoqsijiet:**

Fis-sens nobbli tagħha, il-politika tfisser impenn u servizz għall-poplu. Kull min jemmen f'dan, għandu jaħdem biex titneħħa t-tebgħa li kulmin hu fil-politika hu maħmuġ. Din il-mentalita' tmur kontra l-prinċipji tad-demokrazija. Ir-regola hi li l-Membri tal-Parlament jaħdmu fl-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż fl-interess tal-poplu. Dwar dan għandu jaqbel kull min iħaddan prinċipji ta' demokrazija u jemmen fihom bis-serjeta'.

Il-proċess politiku u l-istruttura demokratika li nħolqot fil-milja taż-żmien, huma speċi ta' makkinarju. Waħdu ma jaħdimx. Iħaddmuh in-nies. U huma n-nies li jistgħu jagħmlu użu minnu biex id-demokrazija taħdem kif suppost.

1. X'differenza tgħaddi bejn politika u poter?
2. X'tifhem b'demokrazija? Semmi żewġ karatteristiċi tad-demokrazija barra d-dritt li tivvota.
3. X'tifhem b'Parlament? Għaliex jissejjaħ l-ogħla istituzzjoni tal-pajjiż?

4. Kif jintgħażlu l-Membri tal-Parlament? X'inhi l-ħidma tagħhom?
5. X'differenza tgħaddi bejn Gvern u Oppożizzjoni?
6. F'pajjiż demokratiku jinħtieġ li s-setgħat jkunu separati. Semmi dawn is-setgħat u għaliex hu importanti li jkun hemm din id-diviżjoni?
7. Xi tkun il-Kostituzzjoni ta' pajjiż? Għaliex tissejjaħ il-'liġi muftieħ'? **(25 marka)**

**<u>Taqsima Ċ</u>** **(25 marka kull waħda)**

**Agħżel TNEJN minn dawn u ikteb mhux anqas minn 300 kelma dwar kull tema:**

1. Il-mexxej il-kbir Mahatma Gandhi darba stqarr li s-soċjetajiet għandhom jipprovdu "biżżejjed għall-ħtiġijiet tan-nies, imma mhux biex jissodisfaw ir-regħba tagħhom". Jekk inħarsu lejn ambjent kif jista' l-iżvilupp jirrispetta l-ġenerazzjonijiet tal-lum u tal-ġejjieni?

2. 20% tan-nies tad-dinja li huma l-aktar sinjuri jikkontrollaw 84% tal- kummerċ kollu tad-dinja, filwaqt li 20% biss tal-popolazzjoni li hija l-aktar fqira tikkontrolla biss 0.9%.
   a. Taħseb li dan hu kummerċ ġust?
   b. Għaliex qed jiġri hekk?
   c. X'qed jipprova jsir biex din l-inġustizzja ma tkomplix tikber?

3. Taħseb li l-gwerra qed taffettwa l-iżvilupp tad-dinja u li qed iġġib magħha l-faqar? Agħti raġunijiet għat-tweġibiet tiegħek.

4. a. X'għandu jagħmel konsumatur meta jkollu lment?
   b. Immaġina illi xtrajt apparat sportiv li nzertalek difettuż. Tal-ħanut ma jridx iroddlok il-flus lura. Ikteb ittra bl-ilment lill-Customer Services Manager/Manageress.